TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 505/10

**Simon Stafrace**
**vs**
**Aplan Centre Ltd.**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tliet mija, u ħamsa w għoxrin ewro (€325), rappreżentanti riparazzjoni inferjuri li saret fuq il-*hood* tal-kċina.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu *hood* tal-kċina li nħarqitlu u għalhekk ħadha għat-tiswija, u wara li ġiet mit-tiswija, innota li kien hemm diversi nuqqasijiet f'din it-tiswija, u li kienet inferjuri ħafna.

Is-soċjeta' intimata issottomettiet illi t-tiswija kienet tajba u li t-tiswija saret skond is-sengħa u l-arti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratti jinnota illi t-tiswija ma kinitx daqshekk professjonali u kien hemm diversi nuqqasijiet fiha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888